# IL-ĠIRIEN TIEGĦI

Kien nofs-ta'-nhar mitfi, bla ħajja tax-xahar ta' Mejju. Issema miksi kollu bi sħab irmiedi, l-arja tqila ftit sħuna, riħ isfel li jmarrad: kollox ħiemed, donnha l-ħajja waqfet. Bil-ktieb miftuħ quddiemi kont aktar inħares lejh milli naqra. Ħassejt rasi tqila, ma flaħtx iżjed, għalaqt il-ktieb u qomt nimxi mal-kamra. Xrift fit-tieqa, minkbejja fuq il-ħoġor u rasi mgħaddsa. Ġieni f'rasi li nikteb xi ħaġa bil-Malti. Fuqiex? Dak il-ħin ma stajtx naħseb ħlief fuq il-ġirien, għax, koss, għandna ġiren ta' kull qatgħa u ta' kull għamla. Min sa jeħel ma' rasi? Il-griegi! Kienu raġel u martu, li ilhom xi xahar joqogħdu ħdejna, jidgħu dagħa jfarrak il-ġebel; minn fil-għodu sa fil-għaxija waħda wara l-oħra u għalxejn b'xejn. Anqas biss ma rrid naħseb fihom!

Nikteb fuq Biċe! Xbejba minn ta' daż-żmien, xagħarha maqtugħ u liebsa mqaċċat, ħelwa għasel mal-barranin u morra tengħuta man-nies tad-dar. Ma tismagħhiex ħlief tgħajjat u twerżaq, donnha mxajtna, tħabbat u ssabbat il-bwieb, ħadd ma jista' jkellimha; iżda malli toħroġ mill-bieb il-barra xoftejha

jitbexxqu fi tbissima ħelwa li ma tintefiex ħlief xħin tarġa' tirfes l-għatba tad-dar. Biex inkun għidt kollox, nistqarr li darba ħbatt inħares lejha jiena wkoll, għax kont għadni ma nafx min hi, iżda malli sirt naf li hi l-ġâra tagħna, ma ħaristx aktar lejha. Aktar minn daqshekk ma nistâx nikteb fuqha. Jiftħu għajnejhom iż-żgħażagħ, u ma jħallux it-tlellix tax-xebbiet jagħmihom !

Tgħid nikteb fuq is-Sur Masu ? Dur, dur ma sibtx x'nikteb fuqu ħlief li hu jimxi dejjem kif jonfoħ ir-riħ. Ma jafx jaħseb b'rasu, jew ma għandux ħila juri dak li jaħseb. Dak li l-lum igħidlu abjad, għax riħ fuq, għada jgħidlu iswed, jekk idur riħ isfel. Qatt ma kellimtu, għax ma fihx mhiex titkellem.

Domt aktar minn nofs siegħa b'rasi mgħaddsa naħseb u nhammem fuqiex u fuq min sa nikteb. Fl-aħħar donni stenbaħt minn nagħsa, irfajt rasi, tajt daqqa b'idi fuq moħħi u għidt : Fuqha nikteb !

U fuqha sa nikteb mhux biex nikxef xi ħaġa mistura, li ma għandhiex tkun magħrufa, iżda bil-ħsieb li nkun ta' ġid għal min hu marid bil-marda tagħha. Mela s-sinjura Karm (li sa nikteb fuqha) kienet armla ta' fuq il-ħamsa u ħamsin sena, toqgħod bitħa ma' bitħa magħna. Hi u ommi kien ilhom ħbieb tal-qalb minn qabel ma żżewġu. Dejjem nafha toqgħod ħdejna u niftakar fil-kagħak tal-għasel abjad, li kienet tatini meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel. Kull nhar ta' Ħadd fil-għaxija, l-aktar fix-xitwa, konna mmorru għandha jew tiġi għandna u erħilna nilagħbu u nidħku u hi tgħidilna xi praspura ta' tfulitha. Ma għandix xi ngħid fuq is-sinjura Karm minn daqshekk: minn tagħna kemm trid, mara tal-qalb u mara tal-knisja. Iżda, jaħasra, hi wkoll kienet minn ulied Adam u għalhekk kellha hi wkoll xi żelluma x'issewwi. Kellha f'rasha li jekk ma tkunx taf bit-taljan u bl-ingliż, fid-dinja m'inti xejn ; u l-imsejkna ma kenitx taf ħlief dak li kienu jgħallmu fl-iskejjel tal-Gvern ta' żmienha, u xi kelma oħra mgħawwġa li tgħallmet minn hemm 'l hawn. Kienet taf tgħid : *Come stati ? Non ce mali. Chi va pianu viva sanu. Gud mornin. Veri well. Orrajt.* Aktar minn hekk ma kenitx twassal. Għall-knisja kellha ktejjeb bit-taljan, b'qoxra sewda tleqq u bix-xifer mdieheb. Il-*paternoster* u l-*avemaria* u s-*Salve regina* kienet tgħidhom bil-latin, kif taf hi, ma għandniex xi ngħidu. Sa hawnhekk ma għandix xi ngħid fiha. Mhux kullħadd jista' jitgħallem it-taljan, l-ingliż jew ilsna oħra. Iżda l-imbierka ta' mara biex turi kemm tassew taf b'dawn l-ilsna kienet dejjem tmaqdar il-Malti. Kont ta' sikwit tismagħha tgħid : Dal Malti jdardarni; ma nistax għalih: baxx wisq, *molto bassu*; u kliem ieħor bħal dan.

Mela xi xahrejn ilu ġiet ghandna bħal dari. Kienet ix-xita u jiena bqajt id-dar. Qgħadna nitħaddtu, ix-xita ttektek u l-ħin għaddej. Fl-aħħar faqqgħet. Is-sinjura Karm qalet: "Li

ma kienx dat-temp kont immur l-Università nisma l-kunferenza. Qalu li ġie professur minn barra u dalwaqt jarġa' jsiefer".

Kont sa ninfexx nidħak, u kien ikun aħjar, imma għidtilha: "U mur ara bħalek x'kont sa tifhem; tmur biex tara l-istampi, bħalma jagħmlu xi wħud oħra, u tisraq post ta' min jista' jifhem..." "U mela bil-Malti tiegħek tridni nifhem?" weġbitni ftit sħajna, "il-Malti għan-nies baxxi u mhux għall-persuni edukati. Ibni, jekk trid tkun stmat, isma' minni u l-Malti ma għandekx xi tridu. Tkellem, ikteb bl-ingliż, bit-taljan, biex trid, imma mhux bil-Malti, għax il-Malti javvelik".

"Mela int għax qiegħda titkellem bil-Malti? Għax ma titkellemx bl-ingliż jew bit-taljan?" għidtilha jien b'nofs daħka.

"U iva! għax bejnietna, bil-kunfidenza; biex ma tgħidux li jien kiesħa u prusuntusa. Imma barra mid-dar," issoktat tgħid, "naf inġib ruħi xort'oħra. Ara, prietka bil-Malti qatt ma nismagħha, imma fejn ikun hemm prietka jew kunferenza bit-taljan jew bl-ingliż, arani minn ta' quddiem nett, l-ewwel waħda."

"Da żgur" għidtilha, "biex is-saħħan issiġġu u tongħos bla ma tifhem saħta".

"Mela ma nifhemx?" qabżet hi, "u kif jista' jkun li ma tifhemx meta tara l-qassis jagħmel dawk il-ġesti! Inbagħad, għal ġieħna, int tifel tal-iskola, imissek taf li l-Malti u t-taljan ħaġa waħda".

"Ħa...ħa...ħaj! din isbaħ mill-oħra! Mela l-Malti u t-Taljan huma ħaġa waħda?"

"U mela le, ibni?"

"Imma l-Malti huwa baxx u ikrah, hux tassew?" għidtilha jien.

"Kemm jista' jkun!"

"U ma tistħix int," żidt ingħidilha, "issieħeb it-taljan ma' lsien baxx u ikrah bħalma hu l-Malti?"

Ma kenitx kelma. Ommi ġebbditni u jien ma tkellimtx iżjed. Is-sinjura Karm ħmâret, infixlet, ma għarfetx tgħid kelma oħra; laqalqet xi ħaġa minn taħt ilsien u ħarġet mismuta lejn darha. Ommi wasslitha sal-bieb, u biex tbiġġel ftit il-biċċa, qaltilha: "Tieħux għalih! Għadu tfal. Il-kliem ma jqisux." M'ommi baqgħet ħabiba bħal qabel, iżda miegħi damet xi xahar merfugħa. Issa bdiet issellimli, imma qatt iżjed ma semmietli fuq Malti u mhux Malti.

U bħas-Sinjura Karm ħawn oħrajn. Jalla ma hawnx wisq. Jaħasra, ma jridux jifhmuha. Ħadd ma jindaħlilhom fil-ġibdiet ta' qalbhom lejn dan jew dak l-ilsien. Jien nixtieq li kull wieħed ikun jaf kemm ilsna jista' jitgħallem. Imma ma naħmelx li wieħed imaqdar ilsien artu, l-aktar meta ma jafx ħliefu.

Ġużè Diacono.